MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2014

Numru 926/2013

**Artikolu 293 u 533 tal-Kapitolu 9**

**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Maġistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Ian Joseph Abdilla)**

**vs**

**ANTOINE CAMILLERI**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **ANTOINE CAMILLERI** ta’ 33 sena, bin il-mejjet Carmel u Imelda nee’ Mc Kay, imwieled Attard fil-21 ta' April, 1980 u residenti f’Numru 21, Flat A, St. Michael Street, Rabat u detentur tal-karta tal-identita' numru 222180(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fi Frar, 2013, u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

a. approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghall-persuna/i ohra, is-somma ta’ aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta’ Peter Saffrett, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna ukoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom estratt mill-att tat-twelid tal-imputat immarkat bhala Dok. CSH u fedina penali mmarkata bhala Dok. CSH1.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt is-seduta tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju, 2014 u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, seta' rega' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju, 2014.

Rat dak li gie verbalizzat fl-atti fis-seduta tas-27 ta' Gunju, 2014 u cioe' illi l-imputat diga' beda jhallas id-debitu tieghu lejn il-kwerelant Peter Saffrett u li llum il-bilanc dovut hu ta' disgha u erbghin elf u erba' mitt ewro (€49,400). Illi l-kwerelant Peter Saffrett iddikjara illi huwa sodisfatt jekk jithallas dan l-ammont fiz-zmien erba' snin mil-lum u jiddikjara wkoll li jkun sodisfatt in vista tal-ammissjoni tal-imputat li l-imputat jinghata sentenza sospiza. Il-Prosekuzzjoni tirrimetti ruhha dwar il-piena li ghandha terroga din il-Qorti.

Il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat u nnotat illi huwa diga' nghata probation ghal reati ohrajn.

**Ghaldaqstant il-Qorti tiddikjara wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikolu 293 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li qed issib lill-imputat Antoine Camilleri hati tal-akkuza kif addebitata fil-konfront tieghu u tikkundannah piena karcerarja ta' tmintax-il xahar sospizi ghal erba' snin u in oltre ai termini tal-Artikolu 28G(1) qieghda tpoggi lill-imputat taht ordni ta' Supervizjoni u flimkien ma' din is-sentenza qieghda tannetti d-digriet dwar dan l-Ordni u tiddikjara illi dan l-Ordni ghandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.**

**Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez tal-hatra tal-esperti l-Qorti ezaminat l-atti u tirrileva illi ma gew nominati l-ebda esperti f'dan il-kaz u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' tali talba.**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lill-Ufficju tal-Avukat Generali fi zmien tliet ijiem mil-lum ai termini tal-Artikolu 401(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D., Dip. Matr. (Can)**

**Magistrat**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**(Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali)**

**ORDNI TA' SUPERVIZJONI**

*(MAGHMUL SKOND L-ARTIKOLU 28G TAL-KODICI KRIMINALI)*

**Magistrat: Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**

**Illum: 1 ta' Lulju, 2014**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Ian Joseph Abdilla)**

**vs**

**ANTOINE CAMILLERI**

**Il-Qorti,**

Billi b'sentenza moghtija llum fl-ismijiet premessi, **ANTOINE CAMILLERI** bin il-mejjet Carmel u Imelda nee McKay detentur tal-Karta tal-identita bin-numru 222180M gie misjub hati kif imfisser fl-istess sentenza u gie mpoggi taht Ordni ta' Supervizjoni ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kodici Kriminali (Kap. 9).

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Supervizjoni;

Wara li fissret lill-hati bi kliem car l-effett ta' din l-Ordni ta' Supervizjoni (inkluzi l-kundizzjonijiet addizzjonali specifikati hawn taht skond s-subartikolu (3) tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446) u nnutat li l-istess wera li jrid ihares il-htigijiet tal-istess Ordni;

**Tordna** li l-hati **ANTOINE CAMILLERI** li joqghod **21, Flat A, St. Michael Street, Rabat** detentur tal-karta tal-identita' numru **222180(M)** ikun ghall-perjodu ta' **erba' (4) snin** millum taht is-sorveljanza ta' Ufficjal ta' Supervizjoni taht dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul dan il-perjodu, il-hati jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-ufficjal sorveljenti inkluzi direttivi dwar il-hbieb li jzomm u l-postijiet li jiffrekwenta kif ukoll, jekk ikun il-kaz, biex il-hati jiehu l-*counselling* li jista' jkun mehtieg dwar ir-reati li dwarhom instab hati u l-vittmi taghhom u lejn il-kriminalita' in generali.

2. Li l-hati jibqa' f'kuntatt mal-ufficjal sorveljenti skond dawk l-istruzzjonijiet li jista' minn zmien ghal zmien jinghata mill-imsemmi ufficjal, u li javza lill-imsemmi ufficjal b'kull tibdil fl-indirizz tieghu;

3. Li jircievi viziti mill-ufficjal sorveljanti gewwa r-residenza tieghu u fuq il-post tax-xoghol tieghu, anke minghajr pre-avviz, skond id-direttivi ta' l-istess ufficjal sorveljanti;

4. L-ufficjal sorveljanti ghandhu/a tirraporta bil-miktub lil din il-Qorti mhux anqas minn darba kull **sitt** xhur/sena dwar l-imgieba tal-hati.

5. Li l-imputat ihallas l-ammont ta' disgha u erbghin elf u erba' mitt ewro (€49,400) lil Peter Saffrett il-kwerelant fil-kawza fuq imsemmija u dan fi zmien erba' snin mil-lum.

**TORDNA** li kopja ta' din l-ordni tinghata lill-hati u lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation u Parole.

…………………………………

(firma tal-persuna mqeghda

taht supervizjoni)

……………………………………………..

Magistrat Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------